Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Conseulo Scerri Herrera LL.D.

Att tal-Akkuza Nru. 1/2019

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf

Josephine Wadi

Illum 12 ta Dicembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 1 tas-sena 2019 migjuba fil-konfront ta' Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 49044A u Josephine Wadi detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 416885M, fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta:

Illi, matul il-lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), Krystle Gaffarena intaqgħet mal-akkuzati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u Josephine Wadi – li hi kienet tafhom minn qabel - fejn dawn tal-aħħar offrew sabiex jwassluwha bil-vettura tagħhom sa Paceville;

Illi, kif waslu Paceville, waqfitilhom din l-istess vettura peress li kien spiċċalha l-*fuel* u minħabba f'hekk l-akkuzati **Raouf** u Wadi marru l-Imsida sabiex iġibu xi *diesel* filwaqt li Krystle Gaffarena marret tieħu kafe' ġewwa Baystreet;

Illi, aktar tard, l-akkuzati rritornaw mill-Imsida, reġgħu intaqgħu ma' Krystle Gaffarena, u reġgħu marru biswit il-vettura tagħhom fejn din xorta waħda ma ħadmitx. Eventwalment ġie t-*tow truck* li ħadhom il-Mosta u għal ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija l-akkuzati u Krystle Gaffarena marru ġewwa is-Seaview Hotel mingħajr prenotazzjoni fejn hemmhekk l-akkuzati krew kamra għal lejl wieħed li kienet tikkonsisti f' *double bed* u *single bed*. Krystle Gaffarena meta rat dawn iz-zewġ sodod ħasbet li hi kienet ser torqod weħidha fis-*single bed* izda kienet zbaljata. Dak il-ħin l-akkuzati **Raouf** u Wadi nezgħu l-ħwejjeġ li kellhom fuqhom, daru fuqha u nezzgħuha ukoll. Krystle Gaffarena bdiet tipprova tirrezisti sabiex ma tħallihomx izda ma rnexxilix u huma ppersistew bl-aġir tagħhom;

Illi, **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** zamm lil Krystle Gaffarena bis-saħħa f'kantuniera u għaldaqstant hija ma setgħetx tiċċaqlaq filwaqt li Josephine Wadi bdiet tmiss u tbusilha sidirha. Raouf umbagħad prova jbus lil Krystle Gaffarena u hi ma ħallitux, anzi gidmitlu xuftejh, idejh u għonqu kif ukoll girfet lil Josephine Wadi. Krystle Gaffarena ripetutament qalet lill-akkuzati sabiex jieqfu minn dan l-aġir izda huma ma tawx kasha u ppersistew. Infatti, **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** umbagħad saħansitra għaddha sabiex jistupraha, u ċioe kellu konġunġiment karnali ma' Krystle Gaffarena, u dana kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-parti ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu;

Illi, minn ezami mediko-legali li sar fuq Krystle Gaffarena, irrizulta li kellha xi tbenġil inkluz tlett dbenġiliet partikolari fuq id-driegħ tax-xellug li kienu kompattibli ma' *grip mark*;

Illi, dan l-istupru huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt;

Illi, permezz ta' sentenza datata disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010) fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur James Grech) vs Abdel Raouf Hassan Ali Mohamed* (*per* Maġ. Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera LL.D.), l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu bħala reċidiv.

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, reċediv f'delitt, sar ħati ta' **stupru vjolenti aggravat**, u ċioe' talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Krystle Gaffarena)**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf li kien mgħejun fl-ezekuzzjoni tiegħu minn persuna oħra u ċioe Josephine Wadi;

Illi, *di piu*, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija akkużat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, reċediv f'delitt, ħati ta' **stupru vjolenti aggravat**, u ċioe' talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Krystle Gaffarena)**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf li kien mgħejun fl-ezekuzzjoni tiegħu minn persuna oħra u ċioe Josephine Wadi.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża ukoll lill-**Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, reċediv f'delitt, u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn erba' (4) snin sa tletin (30) sena, bir-rekluzjoni jew mingħajrha**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 198, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe matul il-lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **Josephine Wadi** rrendiet ruħha kompliċi fl-istupru vjolenti ta' Krystle Gaffarena, u dana billi xjentement għenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt - Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf – fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat;

Illi, kif ġia espost fil-Kap preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuza, matul dan l-istess lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), l-akkuzati flimkien ma' Krystle Gaffarena, marru ġewwa is-Seaview Hotel mingħajr prenotazzjoni u hemmhekk l-akkuzati krew kamra għal lejl wieħed li kienet tikkonsisti f' *double bed* u *single bed*. Krystle Gaffarena meta rat dawn iz-zewġ sodod ħasbet li hi kienet ser torqod weħidha fis-*single bed* izda kienet zbaljata. Dak il-ħin l-akkuzati Raouf u **Wadi** nezgħu l-ħwejjeġ li kellhom fuqhom, daru fuqha u nezzgħuha ukoll. Krystle Gaffarena bdiet tipprova tirrezisti sabiex ma tħallihomx izda ma rnexxilix u huma ppersistew bl-aġir tagħhom;

Illi, Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf zamm lil Krystle Gaffarena bis-saħħa f'kantuniera u għaldaqstant hija ma setgħetx tiċċaqlaq filwaqt li **Josephine Wadi** bdiet tmiss u tbusilha sidirha. Raouf umbagħad prova jbus lil Krystle Gaffarena u hi ma ħallitux, anzi gidmitlu xuftejh, idejh u għonqu kif ukoll girfet lil **Josephine Wadi**. Krystle Gaffarena ripetutament qalet lill-akkuzati sabiex jieqfu minn dan l-aġir izda huma ma tawx kasha u ppersistew. Sussegwentement, Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf stupra lil Krystle Gaffarena, u dana bl-għajnuna ta' Josephine Wadi;

Illi, minn ezami mediko-legali li sar fuq Krystle Gaffarena, irrizulta li kellha xi tbenġil inkluz tlett dbenġiliet partikolari fuq id-driegħ tax-xellug li kienu kompattibli ma' *grip mark*;

Illi, permezz tal-aġir tagħha, **Josephine Wadi** xjentement għenet u assistiet lil Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf fil-kommissjoni tal-istupru vjolenti ta' Krystle Gaffarena u għaldaqstant irrendiet ruħha kompliċi fl-istess;

Illi, dan l-istupru huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.

Illi, għalhekk, b'għemilha, l-akkużata **Josephine Wadi** saret ħatja ta' **<u>kompliċita' fir-reat ta' stupru vjolenti aggravat</u>**, u ċioe' talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **<u>bil-vjolenza, għenet jew assistiet lil Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf sabiex jikkometti stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Krystle Gaffarena)</u>**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf li kien mgħejun fl-ezekuzzjoni tiegħu minn persuna oħra u ċioe **Josephine Wadi**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija akkużata **Josephine Wadi**, ħatja ta' **kompliċita' fir-reat ta' stupru vjolenti aggravat**, u ċioe' talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **bil-vjolenza, għenet jew assistiet lil Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf sabiex jikkometti stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Krystle Gaffarena)**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf li kien mgħejun fl-ezekuzzjoni tiegħu minn persuna oħra u ċioe **Josephine Wadi**.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużata **Josephine Wadi** u illi hija tiġi kkundannati għall-**piena ta' priġunerija minn erba' (4) snin sa għoxrin (20) sena, bir-rekluzjoni jew mingħajrha**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 42, 43, 46, 198, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), l-akkuzati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u **Josephine Wadi** ikkomettew attentat vjolenti għall-pudur ta' Krystle Gaffarena;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuza, matul dan l-istess lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), Krystle Gaffarena, flimkien mal-akkuzati, marru ġewwa is-Seaview Hotel u hemmhekk l-istess akkuzati **Raouf** u **Wadi** nezgħu l-ħwejjeġ li kellhom fuqhom, daru fuqha u

nezzgħuha ukoll. Krystle Gaffarena bdiet tipprova tirrezisti sabiex ma tħallihomx izda ma rnexxilix u huma ppersistew bl-aġir tagħhom;

Illi, dan ir-reat, u ċioe li l-akkuzati ikkomettew attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Krystle Gaffarena, huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt;

Illi, permezz ta' sentenza tad-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010) fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur James Grech) vs Abdel Raouf Hassan Ali Mohamed* (*per* Maġ. Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera LL.D.), l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu bħala reċidiv.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf,** reċediv f'delitt**,** u **Josephine Wadi** saru ħatja li, bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **ikkommettew attentat vjolenti għall-pudur ta' Krystle Gaffarena, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.**

Illi, *di piu*, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill- imsemmija akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf,** reċediv f'delitt, u **Josephine Wadi** ħatja talli, bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **ikkommettew attentat vjolenti għall-pudur ta' Krystle Gaffarena, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.**

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza, jakkuża ukoll lill-**Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u **Josephine Wadi**, u:

1. Fil-kaz tal-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, illi jiġi kkundanat għal piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa sentejn (2), u dana skond li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 207, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat; u
2. Fil-kaz tal-akkuzata **Josephine Wadi**, illi tiġi kkundanata għal piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa tmintax (18) -il xahar, u dana skond li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 207, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzata.

Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ipremetta:

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe matul il-lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u **Josephine Wadi** arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Krystle Gaffarena kontra l-volonta' tagħha;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuza, l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, bl-għajnuna ta' **Josephine Wadi**, pproċeda sabiex ikollu konġunġiment karnali ma' Krystle Gaffarena u dana kontra l-volonta tagħha. Matul dan l-aġir kollu, Krystle Gaffarena ma setgħetx taħrab jew titlaq minn fuq il-post u kienet mizmuma mill-akkuzati kontra r-rieda tagħha;

Illi, l-akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u **Josephine Wadi** ma kellhom ebda ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u lanqas kellhom s-setgħa bil-liġi li jarrestaw, jżommu, jew jissekwestraw lil Krystle Gaffarena kontra l-volonta' tagħha;

Illi, permezz ta' sentenza tad-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010) fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur James Grech) vs Abdel Raouf Hassan Ali Mohamed* (*per* Maġ. Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera LL.D.), l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu bħala reċidiv.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, reċediv f'delitt, u **Josephine Wadi** saru ħatja talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **<u>bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw persuna (Krystle Gaffarena) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Krystle Gaffarena) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.</u>**

Illi, *di piu*, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu bħala reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, reċediv, u **Josephine Wadi**, ħatja talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **<u>bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw persuna (Krystle Gaffarena) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala</u>**

**<u>mezz biex persuna (Krystle Gaffarena) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.</u>**

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza, jakkuża ukoll lill-**Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u **Josephine Wadi**, u:

1. Fil-kaz tal-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, illi jiġi kkundanat għal piena ta' priġunerija minn tlettax (13) -il xahar sa erba' (4) snin, u dana skond li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat; u
2. Fil-kaz tal-akkuzata **Josephine Wadi**, illi tiġi kkundanata għal piena ta' priġunerija minn tlettax (13) -il xahar sa tlett (3) snin, u dana skond li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 86, 87(1)(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Josephine Wadi pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' April, 2019 fejn issottomettiet bir-rispett:

a. Illi d-dokument mmarkat bhala dok JG2[1] u cioe dikjarazzjoni ghar-rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mal-avukat ma huwiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kositutzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-istess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma

[1] A fol. 50

kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.

b. Illi d-dokument mmarkat bhala dok JG3[2] u cioe l-ewwel stqarrija rilaxxata mill-akkuzata ma hijiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kosituzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-istess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.

c. Illi d-dokument mmarkat bhala dok JG4[3] u cioe it-tieni stqarrija rilaxxata mill-akkuzata ma hijiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kositutzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-istess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.

d. Illi partijiet mix-xhieda tal-Ispettur Jessica Grima, a foilo 46 et seq tal-atti processwali, m'humiex provi ammissibli stante li jirrigwardjaw l-istqarriji rilaxxati mill-esponenti. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-istess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-

[2] A fol. 51 et. seq.

[3] A fol. 55 et. seq.

Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.

e. Illi x-xhieda tas-Supretendent Martin Sammut[4], liema xhieda tirrigwardja esklussivament l-istqarrija tal-akkuzat ma hijiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kositutzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-istess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.

f. Illi x-xhieda ta' WPC 276 Mary Grace Farrugia[5], liema xhieda tirrigwarda esklussivament l-istqarrija tal-akkuzat ma hijiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kositutzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-istess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.

g. Illi partijiet mir-relazzjoni relevanti maghmula mit-tabib Mario Scerri huma provi inammissibli u dana stante li tinkludi dikjarazzjonijiet maghmula mill-akkuzata fiz-zmien fejn ma kellhiex il-jedd li taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid ta' tali dikjarazzjonijiet[6]. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.

h. Id-Dokument KA16/13 jinkludi diversi hwejjeg allegatament ta' Crystle Gaffarena. Dan id-dokuement gie esebit il-Qorti minn Dr. Marisa Cassar nhar it-28 ta' Jannar, 2013. Minkejja li Dr. Marisa Cassar fir-relazzjoni taghha tghid

---

[4] A fol. 105

[5] A fol. 362

[6] A fol. 126

illi hija gabret dan id-dokument minghand l-Ispettur Joseph Busuttil, madanakollu minn imkien ma jirrizulta dan. Lanqas jirrizulta min effettivament ghadda dawn il-hwejjeg lil Dr. Marisa Cassar u ta' min huma l-imsemmija hwejjeg. Minn ezami akkurat tal-atti processwali minn imkien ma jrrizulta illi xi xhud ikkonferma bil-gurament illi ghadda dan id-dokument lill-Ispettur Busuttil, wisq anqas l-istess Spettur ma kkonferma bil-gurament illi huwa ghadda xi hwejjeg lil Dr. Marisa Cassar. Dan id-dokument ghaldaqstant huwa inammissibbli stante li r-regola fundamentali fil-process penali, ossia dik tac-chain of evidence giet miksura. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inamissibilita' tal-provi.

i. Ix-xoghol kollu mahgmul u r-relazzjonijiet relevanti maghmula minn Dr. Marisa Cassar huma provi inammissibbli u dana stante li r-regola fundamentali tal-process penali ossia dik tac-chain of evidence giet miksura. Konsegwentement sia r-relazzjonijiet kif ukoll kull deposizzjoni li tat u li gew moghtija mix-xhud indikat huma inammissibbli u ghaldaqstant laqnas ix-xhud ma huwa xhud ammissibli. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inamissibilita' tal-provi.

Rat in-nota tal-eccezzzjonijiet tal-Akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf, pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' April, 2019 fejn indika is-segwenti eccezzjonijiet:

1. Illi jibda biex jinghad a fol 107, l-Ispettur Joseph Busuttil jistqarr li meta ttiehdet l-ewwel stqarrija tal-imputat, dan uzufruwixxa mid-dritt tieghu li jitkellem ma avukat qabel l-interrogazzjoni, izda ma jissemmiex l-isem tal-avukat la fit-testimonjanza, la fl-ewwel stqarrija u lanqas fl-istqarrijiet li ttiehdu wara.

2. Illi d-dokument mmarkat bhala dok JG5[7] u cioe l-ewwel stqarrija rilaxxata mill-akkuzat ma hijiex prova ammissibli kif trid il-ligi, stante li l-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf fiz-zmien li ttiehdet din l-istqarrija ma kellux il-jedd li jaghzel sabiex ikollu l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm Nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostiuzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.
3. Illi d-dokument immarkat dok JG6[8], cioe it-tieni (2) stqarrija rilaxxata mill-akkuzat ma hijiex prova ammissibli kif trid il-ligi, stante li l-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf fiz-zmien li ttiehdet din l-istqarrija ma kellux il-jedd li jaghzel sabiex ikollu l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostiuzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.
4. Illi jidher li hemnm dokument iehor immarkat Dok JG6[9]. Din si tratta tat-tielet (3) stqarrija rilaxxata mill-akkuzat, li wkoll m'hijiex prova ammissibbli kif trid il-ligi stanta li l-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf fiz-zmien li ttiehdet din l-istqarrija ma kellux il-jedd li jaghzel sabiex ikollu l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostituzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-eccezzjoni qeghda ssir ai termini tal-arikolu 438(2)(i) u cioe' dwar l-inammissibilita' tal-provi.

[7] A fol 59 et seq. tal-atti processwali

[8] A fol 63 et seq. tal-atti processwali

[9] A fol 65 et seq. tal-atti processwali

5. Illi partijiet mix-xhieda tal-Ispettur Jessica Grima, senjatament a fol 47 u 48, ma jikkostitwixxux prova ammissibli kif trid il-ligi galadarba jaghmel referenza ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat. Dan stante li l-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf fiz-zmien li ttiehdu dawn l-istqarrijiet ma kellux il-jedd li jaghzel sabiex ikollu l-avukat prezenti waqt it-tehid ta' tali stqarrijiet. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostituzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-Eccezzjoni qedgha ssir ai termini tal-Artikolu 438(2)(i) u cioe' dwar l-inammissibilita' tal-provi.
6. Illi x-xhieda tal-Ispettur Joseph Busuttil, a fol 107 et seq, ma jikkostitwixxux prova ammissibli kif trid il-ligi galadarba jaghmel referenza ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat, u kif ukoll dak li jinsab a fol 236 *et seq* fejn si tratta l-istqarrija. Dan stante li l-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf fiz-zmien li ttiehdu dawn l-istqarrijiet ma kellux il-jedd li jaghzel sabiex ikollu l-avukat prezenti waqt it-tehid ta' tali stqarrijiet. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostituzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-eccezzjoni qedgha ssir ai termini tal-Artikolu 438(2)(i) u cioe dwar l-inammissibilita' tal-provi.
7. Illi galadarba l-istqarrijiet mehuda jigu ddikjarati mhux ammissibbli, ix-xhieda ta' PC86, PS419, rinviji li jitolbu tali xhieda u verbali fejn jissemmew tali xhieda jew ezenzjoni ta' tali xhieda ghandha titnehha. Din l-eccezzjoni qedgha ssir ai termini tal-Artikolu 438(2)(i) u cioe' dwar l-inammissibilita' tal-provi.
8. Illi partijiet mir-relazzjoni tal-espert Mario Scerri, senjatament a fol 133, huma inammissibli stanet li saret allegazzjoni mill-akkuzata Josephine Wadi li tista' tkun ta' pregudizzju u leziva tad-dritt tal-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf. Dan qieghed jinghad stante li fiz-zmien li ttiehdu dawn l-istqarrijiet ma kienx hemm id-dritt li suspettat u/jew akkuzat jaghzel sabiex ikollu l-avukat prezenti waqt it-tehid ta' tali stqarrija. . Dan qieghed jinghad

fid-dawl tal-gurisprudenza kemm nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostituzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-eccezzjoni qedgha ssir ai termini tal-Artikolu 438(2)(i) u cioe dwar l-inammissibilita' tal-provi.

9. Illi fix-xhieda taghha l-espert Dr. Marisa Cassar tghid li d-dokument KA 16/13, u cioe il-hwejjeg allegatament tal-vittma, u li tali kienu parti mill-allegat reat, inghataw lilha mill-ispettur Joseph Busuttil. Pero' fid-diversi okkazjonijiet li kellu ghad-disposizzjoni tieghu, l-iSpettur Busuttil qatt ma semma dan il-fatt, b'dana li hemm dubju serju dwar il-provenjenza ta' tali hwejjeg, inoltre l-fatt li ma jistax jigi kkontestat ic-'Chain of evidence' ta' tali hwejjeg, u konsegwentement kull xoghol/inkarigu u xhieda li nghatat mill-espert hija inammissibli. Din l-eccezzjoni qeghda ssir ai termini tal-artikolu 438(2)(i) u cioe dwar l-inammissibilita' tal-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju, 2019 fejn gie verbalizzat is-segwenti:

*'Dr. Attard ghall-Avukat Generali b' referenza ghan-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzata Wadi, partikolarment subinciz (a) sa subinciz (f) taqbel li in vista' tal-gurisprudenza li nghatat ricentament kemm mill-Qrati nostrana u kif ukoll mill-Qrati Ewropej, hija taqbel li l-istqarrija tal-istess akkuzata ghandha tigi skartata u fl-ebda hin ma ssir referenza ghaliha lil gurati u lix-xhieda l-ohra. Jinghad ukoll illi pero' l-ufficjali tal-pulizija li sejrin jiddeponu fuq l-investigazzjoni mizmuma minnhom naturalment bla referenza ghall-istqarrija.*

*Dr. Attard ukoll b'referenza ghall-eccezzjoni mmarkata (g) tiddikjara li qed taqbel li dak kollu li l-akkuzata Wadi qalet lil Dr. Mario Scerri ghandu jigi skartat u konsegwentement meta jixhed Dr. Scerri dan ma ghandux jghamel l-ebda referenza ghall-tali stqarrija.*

*B'referenza ghall-eccezzjonijiet tal-akkuzat Raouf, Dr. Attard tiddikjara li fir-rigward tal-eccezzjonijiet (1) sa (7) taqbel li in vista tal-gurisprudenza li nghatat ricentament kemm mill-Qrati nostrana u kif ukoll mill-Qrati Ewropej, hija taqbel li l-istqarrija tal-istess akkuzat ghandha tigi skartata u fl-ebda hin ma ssir referenza ghaliha lil gurati u lix-xhieda l-ohra.*

*Jinghad ukoll illi pero' l-ufficjali tal-pulizija li sejrin jiddeponu fuq l-investigazzjoni mizmuma minnhom naturalment bla referenza ghall-istqarrija.*

*Dr. Attard ukoll b'referenza ghall-eccezzjoni mmarkata 8 tiddikjara li qed taqbel li dak kollu li una volta l-istqarrija ta' Wadi qed tigi skartata minn dawn il-proceduri ma hemm l-ebda pregudizzju li jista' jsofri dan l-akkuzat u in vista' ta dak rilevat minnha aktar il-fuq tali eccezzjoni llum tinsab ezawtrita.*

*Fir-rigward tal-eccezzjoni nr. 9 tiddikjara li ghandha l-oggezzjoni taghha ghall-dak dikjarat mid-difiza fis-sens illi din hija materja li ghandha tigi trattata mill-guri u ma taqbel xejn li ic-chain of evidence gie miksur.*

*Il-Partijiet jaqblu li din il-Qorti taghti sentenza fejn ghandha tindirizza l-eccezzjonijiet (h) u (i) fir-rigward tal-akkuzata Josephine Wadi u l-eccezzjoni nru. (9) fir-rigward tal-akkuzat Hassan Raouf.'*

Rat illi l-Avukat Generali prezenta rikors urgenti fir-rigward ta' Josephine Wadi u rikors iehor fir-rigwrd ta' Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf. L-Avukat Generali b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs Malta' talab li l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u sabiex tappunta seduta ulterjuri sabiex jergghu jigu trattati mill-gdid l-eccezzjonijiet dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-akkuzati in vista tal-izviluppi gurisprudenzjali ricenti dwar l-istess. Josephine Wadi oggezzjonat ghal din it-talba. L-Avukat Dustin Camilleri Avukat ghall-Ghajnuna Legeali talab li l-Qorti tiskarta tali decizjoni wara li qies li ma hemm l-ebda dikjarazzjoni li s-sentenza mhux ser tigi riferuta ghal Grand Chamber.

Jirrizulta li fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) is-sentenza ta' Farrugia vs Malta giet ikkunsidrata bhala finali u dan stante li t-talba sabiex il-kaz jigi riferut lil Grand Chamber giet rifjutata.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-atti tal-kumpilazzjoni;

Din is-sentenza sejra ghalhekk tirrigwarda l-eccezzjonijiet preliminari kollha mressqa miz-zewg akkuzati u cioe' dawk kontenuti fin-nota tal-ewwel (1) ta' April

tas-sena elfejn u dsatax (2019) dawk fn-nota datata s-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019).

Ikkunsidrat,

**Dwar l-ewwel tlett eccezzjoni ta' Josephine Wadi u cioe' dawk bl-ittri 'a', 'b' u 'c' kif ukoll l-ewwel erba' eccezzjonijiet ta' Hassan Ali mohamed Abdel Raouf u cioe' dawn enumerati minn wiehed '1' sa erbgha '4'**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni l-akkuzata Josephine Wadi eccepiet l-inammissibilita' ta' DOK. JG2 a fol 50 u cioe d-dikjarazzjoni ghar-rinuznja ghad-dritt tal-parir legali mal-Avukat, fit-tieni eccezzjoni u cioe' dik bl-ittra 'b' eccepiet li l-istqarrija u cioe' Dok JG3 ma hijiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali li fiz-zmien tat-tehid tal-istqarrija, ma kellhiex il-jedd li taghzel jekk ikollhiex l-Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Permezz tat-tielet eccezzjoni u cioe' dik bl-ittra 'c' l-akkuzata eccepiet li t-tieni stqarrija rilaxxata minnha u cioe' dik immarkata bhala Dok JG4 ma hijiex prova ammissibli ghall-istess raguni.

L-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf minn naha l-ohra fl-ewwel eccezzjoni eccepixxa li a fol 107 l-Ispettur Joseph Busuttil stqar li ttiehdet l-ewwel stqarrija tal-imputat u dan uzufruwixxa mid-dritt li jitkellem ma' Avukat qabel l-interogazzjoni izda ma nizzilx ma min tkellem la fit-testimonjanza, la fl-ewwel stqarrija u lanqas fl-istqarrijiet li ttiehdu wara. Permezz tat-tieni eccezzjoni eccepixxa li Dok JG5 u cioe' l-ewwel stqarrija rilaxxata mill-akkuzat ma hijiex prova ammissibli peress li ma kellux il-jedd jaghzel sabiex ikollu l-Avukat prezenti waqt it-tehid tal-isqarrija. Jecepixxi ukoll li d-dokument immarkat bhala Dok JG6 u cioe' t-tieni stqarrija lanqas hija prova ammissibli stante li ukoll ma nghatax id-dritt li jkollu Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. L-istess jinghad fir-raba' eccezzjoni dwar Dok JG6 u cioe' t-tielet stqarrija.

Din il-Qorti sejra tibda billi tqis l-atti u cioe' d-dikjarzzjoni ta' rifjut tal-jedd tal-Avukat, u z-zewg stqarrijiet tal-akkuzata Josephine Wadi. L-Ispettur Jessica Grima fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) fost affarijiet ohra xehdet li '*Wadi giet kkuntattjata biex tigi l-ghassa tal-Mosta fejn kellimha l-Ispettur Busuttil. Irrinunzjat ghall-parir ta' avukat u ghandna dikjarazzjoni f'dan is-sens u kellimha l-ispettur Busuttil. Ghall-ewwel ma kkoperatx. Zammejnieha arrestata. L-ghada ergajna kellimnieha u hadnilha stqarrija jiena u s-Supt Martin Sammut fejn nesebixxi l-istqarrija. Ngharaf il-firma tieghi u l-firma tas-Supretendent u l-firma ta' Wadi. U tajnieha l-police bail. Fis-17 ta' Jannar ergajna kellimnieha, hadnilha stqarrija ohra..*' Xehdet li '*Fis-17 ta' Jannar baqghet tghidli l-istess verzjoni u nesebixxi l-istqarrija u ngharaf il-firma tieghi u l-firma tal-Ispettur Joseph Busuttil u l-firma ta' Josephine Wadi.*'

A fol 50 tal-atti tal-Kumpilazzjoni hemm esebita d-dikjarazzjoni ta' rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mal-Avukat. Din id-dikjarazzjoni hija ffirmata mill-Ispettur Joseph Busuttil, WPC 276 M.G. Stivala u l-imputata Josephine Wadi. Ghalkemm hemm isem Wps. 242 u cioe' R. Ghirxi ma tirrizultax firma. Din id-dikjarazzjoni taqra li '*Wara li gejt l-ghassa illum, l-10 ta Jannar 2012, u dana b'konnessjoni ma investigazzjoni ta Stupru, u ma kull reat iehor li jista jirrizulta li l-Pulizija waqt l-investigazzjoni, jien, Josephine Wadi detentur tal karta ta l-identita' bin numru 416885(M), niddikjara li nfurmajt lill-ispettur Joseph Busuttil, li ghalkemm naf li ghandi d-dritt ghal parir legali, jekk jien nitlob dan, mill-iktar fis possibli u li nista nitkellem privatament ma l-avukat ta' fiducja tiehgi jew mal-prokuratur legali ta' fiducja tieghi u dan jew permezz tat-telefon jew inkella wicc imb' wicc ghal-hin massimu ta' siegha qabel nigi nterrogat mill-Pulizija. Hawn, jiena qed niddikjajra, li ghalkemm fhimt sewwa dawn id-drittijiet tieghi wara li gew spjegati lili sewwa, jien qed nirrinunzja ghad-dritt legali li nikkonsulta ma' avukat jew ma prokuratur legli ta fiducja tieghi.*'

A fol 51 tal-atti tal-Kumpilazzjoni giet esebita l-istqarrija ta' Josephine Wadi datata l-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) u mmarkata bhala Dok JG3. F'din l-istqarrija hemm is-segwenti twissija:

'*Qed tigi mwissija mill-Ispettur Jessica Grima fil-prezenza tas-Supretendent Martin Sammut li m'intix obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova. Int ghandek il-jedd jekk int titlob, li qabel ma ssirlek xi interogazzjoni, tihalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew procurator legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien. Int qieghed tigimgharraf ukoll li jekk inti tezercita d-dritt li tikkonsulta avukat jew prokuratur legali keif spjegat aktar 'l fuq u waq l-interrogatorju inti ma tkunx tird tghid xejn jew tonqos milli ssemi xi fatt, jekk tkun il-kaz il quddiem jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghek, il-Qorti jew il-gudikant jistghu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korrobarottiva, jew matul il-process inti tressaq xi difiza lit kun ibbazata fuq xi fati li ma tkunx semmejt matul l-interogazzjoni. Finalment qieghed tigi infurmata ukoll li jekk ikun hemm kawzi ragonevoli, jista' jigi awtorizzat li t-twettiq tal-ezercizzju tal-jedd tieghek ghal partit legali jigi mdewwem ghal mhux aktar minn 36 siegha kif stipulate fl-Artikoli 355AT/355AU tal-Kodici Kriminali.*'

Mistoqsija '*Fhimtha t-twissija li ghadna kif ghamilnielek?*' wiegbet '*Iva*'. '' Din l-istqarrija hija ffirmata anke mill-akkuzata Josephine Wadi u hemm ukoll imnizzel li '*Din l-istqarrija ghamilha jien min jeddi minghajr theddid, weghdi jew favuri jew forma ta' vantaggi jew promessi u wara li giet moqrija lili mill-Pulizija u nista' nghid li din hija korretta u l-verita' u naghzel li niffirmaha.*'

It-tieni stqarija ta' Josephine Wadi tinsab a fol 55 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u mmarkata bhala Dok JG4, din hija datata s-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012). F'din l-istqarrija hemm imnizzla s-segwenti twissija u cioe' li '*M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova. Inti ghandek il-jedd, jekk inti titlob, li qabel ma ssirlek xi interrogazzjoni, tithalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb' wicc jewbit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien. Inti qieghed tigi mgharraf ukoll li jekk inti tezercita d-dritt li tikkonsulta l-avukat jew prokuratur legali kif spjegat aktar 'l fuq u waqt l-interrogatorju unt i ma tkunx trid tghid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, jekk ikun il-kaz li l-quddiem jittiehdu proceduri kriminali til-konfront tieghek, il--Qorti jew il-gudikant jistghu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korroborattiva, jekk*

*matul il process inti tressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatti li ma tkunx semmejt matul l-interrogazzjoni. Finalment qieghed tigi nfurmat ukoll li jekk ikun hemm kawzi ragonevoli, jista' jigi awtorizzat li t-twettiq ta' l-ezercizzju tal-jedd tieghek ghal parir legali jigi mdewwem ghal mhux aktar minn 36 siegha kif stipulat fl-artikoli 355AT/355AU tal-Kodici Kriminali.'* Din l-istqarrija ukoll tiprovdi li '*Din l-istqqarrija ghamiltha jien minn jeddhi minghajr theddid, weghdi jew favuri jew forma ta' vantaggi jew promessi u wara li qrajta jiena stess jien nista nghid li din hija korretta u il-verita u naghzel li niffirmaha.*'

Is-Supt Martin Sammut li xehed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li '*A fol 51 et seq tal-process qed nara stqarrija li qieghed nirrikonoxxieha bhala dik rilaxxjata minn Josephine Wadi li ngharafha fost l-imputati prezenti fl-awla. Hi kienet nghatat id-dritt li tigi assistita minn avukat, liema beneficcju kienet ghazlet li ma tehux. L-isqarrija tikkonsistit f'erba faccati, u ngharaf fuq kull wahda l-firma tieghi u dik tal-imputata.*'

WPC 276 Mary Grace Farrugia xehdet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn b'referenza ghal Dok JG2 qalet li '*Gejt imsejjha mill-ispettur biex inkun xhud u qed naghraf il-firma tieghi kif ukoll lill-imputati hawnhekk.*' L-istqarrija ttiehdet fl-ufficju tal-Ispettur tal-Mosta.

A fol 59 tal-atti tal-Kumpilazzjoni giet esebita l-istqarrija datata l-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) immarkata bhala Dok JG5. 'F'din l-istqarrija hemm imnizzel li:

'*M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova. Int ghandek il-jedd, jekk inti titlob, li qabel ma ssirlek xi interrogazzjoni, tithalla kemm jista jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb' wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien. Inti qieghed tigi mgharraf ukoll li jekk inti tezercita d-dritt li tikkonsulta l-avukat jew prokuratur legali kif spjegat aktar 'l fuq u waqt l-interrogatorju unti ma tkunx trid tghid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, jekk ikun il-kaz li l-quddiem jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghek, il-Qorti jew il gudikant jistghu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korroborattiva, jekk matul il process inti tressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatti li ma tkunx semmejt matul l-*

*interrogazzjoni. Finalment qieghed tigi nfurmat ukoll li jekk ikun hemm kawzi ragonevoli, jista' jigi awtorizzat li t-twettiq ta' l-ezercizzju tal-jedd tieghek ghal parir legali jigi mdewwem ghal mhux aktar minn 36 siegha kif stipulat fl-artikoli 355AT/355AU tal-Kodici Kriminali.'* Din l-istqarrija mhijiex iffirmata u hemm imnizzel ukoll li '*Din l-istqarrija ghamiltha jien minn jeddhi mingajr theddid, weghdi jew favuri jew forma ta' vantaggi jew promessi u wara li qrajtha jiena stess jiena nista nghid li din hija korretta u il-verita u naghzel li ma niffirmax.*'

Fl-istqarrija tal-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf datata t-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) u immarkata bhala Dok JG6 a fol 63 tal-atti tal-Kumpilazzjoni hemm imnizzel '*Qed tigi imwissi mill-Ispettur Jesssica Grima fil-prezenza ta' PS 419 Anton Buttigieg li m'intix obblligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem imma dak li tghid jista' jingieb bi prova.*' Din l-istqarrija ma hijiex iffirmata u hemm imnizzel li '*Din l-istqarrija hija il-verita kollha, ghamiltha jiena minn jeddi, minghajr ebda weghdi ta' favuri jew vantaggi u minghajr ebda biza jed theddid, u wara li giet moqrija lili naghzel li ma niffirmax.*' It-tielet stqarrija ta' Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf tinsab a fol 65 tal-atti tal-Kumpilazzjoni ukoll immarkata bhala Dok JG6 izda dataa s-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), din ukoll tikkontjeni s-segwenti twissija u cioe':

'*M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova. Inti ghandek il-jedd, jekk inti titlob, li qabel ma ssirlek xi interrogazzjoni, tithalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privvatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien. Inti qieghed tigi mgharaf ukoll li jekk inti tghid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, jekk ikun il-kaz li l-quddiem jittiehdu proceduri kriminali til-konfront tieghek, il--Qorti jew il gudikant jisthu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korroborattiva, jekk matul il process inti tressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul l-interrogazzjoni. Finalment qieghed tigi nfurmat ukoll li jekk ikun hemm kawzi ragonevoli, jista' jigi awtorizzat li t-twettiq ta' l-ezerizzju tal-jedd tieghek ghal parir legali jigi mdewwem gha mhux aktar minn 36 siegha kif stipulat fl-artikoli 355AT/355AU tal-Kodici Kriminali.*'Din l-istqarrija ukoll mhijiex iffirmata u taghlaq bbil-kliem '*Din l-isqarrija ghamiltha jien minn jeddhi*

*minghajr theddid, weghdi jew favuri jew forma ta' vantaggi jew promessi u wara li qrajtha jiena stess jiena nista nghid li din hija korretta u il-verita u naghzel li ma niffirmax.'*

L-Ispettur Jessica Grima li xehdet fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet ukoll li '*Rauf hrignilu mandat t'arrest ghax ma kellniex contact number tieghu. Arrestajnieh. gie l-ghassa tal-Mosta u hadlu stqarrija l-Ispettur Joseph Busuttil li nesebiha wkoll. L-ghada hadtlu stqarrija jien. Dan ma kkoperax mal-pulizija u baqa jghid li ma kienx fil-post fejn sehh l-incident. Ngharaf il-firma tieghi u l-firma ta' PS 419 u Rauf ddecieda li ma jiffirmax. Tajnieh il-police bail u fis-17 ta' Jannar rega gie l-ghassa tal-Mosta u hadnilu stqarrija ohra fejn baqa' jsostni li ma kienx fil-post fejn sehh l-incident. Ngharaf il-firma tieghi u l-firma tal-Ispettur Joseph Busuttil u Rauf rega ghazel li ma jiffirmax.'*

L-Ispettur Joseph Busuttil fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li '*A fol 59 et seq tal-process qed nara stqarrija li jiena kont hadt lil Hassan Ali Mohammed Abdel Rauf li qed ngharaf prezenti fl-awla bhala wiehed mill-imputati. L-istqarrija fiha 4 faccati u tttiehdet fil-11 ta' Jannar 2012 fis-13.06hrs. Prezenti kien hemm PC 86 Daniel Grima u l-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. L-imputat kien nghata d-dritt tal-avukat u kien kellem lill-avukat tieghu. Fis-17 ta' Jannar kont ergajt hadt stqarrija lill-istess Rauf. Prezenti ghal din l-istqarrija kien hemm l-Ispettur Jessica Grima u l-istqarrija tinsab a fol 65 et seq tal-process u tikkonsisti minn hames faccati u l-imputat ukoll nghata l-istess drittijiet. U kien ghazel li jkellem lill-avukat tieghu anke qabel it-tieni stqarrija*'. Ghalhekk skont din ix-xhieda l-akkuzat kien uzufruwixxa ruhu mid-dritt li jkellem Avukat u skont dan ix-xhud anke qabel it-tieni stqarrija.

L-Ispettur Joseph Busuttil rega xehed fis-sitta (6) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn qal li '*Nikkonferma stqarrija li qeghda Dok JG 6 a fol 65, qed naghraf il-firma tieghi u l-firma tal-Ispettur Jessica Grima, li konna hadna l-ufficju tal-Ghassa tal-Mosta, fis-sbatax (17) ta' Jannar, elfejn u tnax (17/01/2012). Konna hadniha lil Hassan Ali Mohammed Abalel Raoouf li kien ghazel li ma' jiffirmax wara li nghata s-solitu drittijiet..*' PS 419 Anton Buttigieg fix-xhieda tieghu tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li '*fit-12 ta' Jannar 2012, jien kont prezenti ghal stqarrija li ttiehdet lil Andell Ali Hassan Raouf mill-Ispettur Jessica Grima, fejn hawnekk jien qed naghraf il-*

*firma tieghi, il-firma tal-Ispettur Jessica Grima u hawnekk f'din l-istqarrija Hassan Raouf ghazel lima jiffirmax l-istqarrija tieghu.'*

PC 86 Daniel Grima li xehed ukoll fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn b'referenza ghal Dok JD5 qal li '*Jien gejt mghajjat mill-Ispettur Busuttil biex inkun xhud tal-istatement u hawnekk qed naghraf il-firem tieghi. Qed naghraf ukoll lill-imputat, dak tal-jeans u l-glekk il-blu.'*

Ikkunsidrat;

Illi a fol 236 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u cioe' skont il-verbal tas-seduta tas-sitta (6) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) hemm imnizzel li '*Rigward it-tielet rekwizit tar-rinviju tal-Avukat Generali l-Ufficjal Prosekutur jirrinunzja ghaz-zewg xhieda hemm imsemmija billi l-involviment taghhom kien biss fl-istqarrija. Id-Difiza tezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lil dawn ix-xhied au taccetta l-istqarrijiet bhala awtentici.*' It-tielet rekwizit kien dak li l-Qorti '*Tisma' lil PC 86 u PS 419 sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-kaz kif ukoll dwar l-volontarjeta' ta' l-istqarrijiet;*' Fil-verbal tas-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) hemm imnizzel li '*Dwar rekwizit 2, ghal kull buon fini, l-Avukat Difensur qed jezenta l-produzzjoni tax-xhieda u jfakkar illi skont is-sentenzi ricenti l-istqarrijiet ma jistghux jittiehdu bhala prova.*' It-tieni rekwizit kien jirriwarda s-smiegh ta' WPC 276 MG Stivala u WPS 242 R. Ghirxi bhala xhieda dwar id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali.

Dawn l-eccezzjonijiet tal-akkuzati huma bbazati fuq gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali u dan stante li jissottomettu li l-istqarrijiet huma inammissibli bhala prova stante li l-akkuzati ma kellhomx il-jedd li jaghzlu jekk ikollhomx l-Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Ghalkemm jirrizulta li l-akkuzata Josephine Wadi irrinunzjat ghad-dritt li tikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrijiet, l-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf ghazel li jikkonsulta ma' Avukat izda ma jirrizultax mill-atti minn kien l-Avukat u kemm il-darba tkellem ma' Avukat u dan tenut kont tal-fatt li l-akkuzat Ali Mohammed Abdel Raouf irrilaxxa tlett (3)

stqarrijiet. Jirrizulta izda li l-akkuzati fiz-zmien li rrilaxxaw l-istqarrijiet taghhom ma kellhomx il-jedd li jkunu assistit minn Avukat matul it-tehid tal-istqarrijiet.

Illi kien hemm zvillup sinifikanti fil-gurisprudenza ta' Malta dwar id-dritt tal-assistenza ta' Avukat matul l-investigazzjonijiet, liema gurisprudenza kienet u ghada f'xi waqtiet konfliggenti. Sentenza li ghamlet impatt sinifikanti fuq il-gurisprudenza ta' Malta hija dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg v. Malta'**[10]. F'dik is-sentenza l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fost numru ta' kunsiderazzjnijiet, ikkunsidrat li:

*'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

[10] Deciza fit-12 ta' Jannar, 2016 u reza finali fit-12 ta' April 2016 (Applikazzjoni numru: 37537/13)

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Christopher Bartolo (KI 390981M) VS Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'</u>**[11], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat li:

*'Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jargumentaw illi l-ilment tar- rikorrent fil-meritu huwa nfondat peress illi huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, u filfatt kien ezercita dan id-dritt, u illi s- sentenza citati minnu fir-rikors promotur ma huma ta' l-ebda sostenn ghal l-ilment tar-rikorrent peress illi dawn jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-interrogat ma thalliex ikellem avukat qabel ma ttehdulu l-istqarrija.*

*Il-Qorti rat pero illi l-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu m'huwiex illi ma thalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ma ttehdietlu l-istqarrija (hlief fir-rigward tat-tieni wahda), izda proprju illi l-assistant legali tieghu ma kienx prezenti* ***waqt*** *it- tehid tal-istqarrija, kif jidher per ezempju minn paragrafu 8 u 13 tar-rikors promotur.* ***M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent ma giex interrogat fil-presenza tal-avukat tieghu, anke ghaliex wara kollox, f'dak iz-zmien il-ligi stess ma kienitx tippermetti dan.***

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Panovits v. Cyprus*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-11 ta' Dicembru 2008 intqal illi: "...the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation.* ***The lack of legal assistance <u>during an applicant's interrogation</u> would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."***

[11] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG)

*Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Dayanan v. Turkey*** *deciza mill- Qorti ta' Strasbourg fit-13 ta' Ottubru 2009 u citata fir-rikors promour tar-rikorrent:*

*"In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case- law,* ***an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned*** *(for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."*

*Il-fatt illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement ghas- sentenza ta'* ***Salduz*** *b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa necessarju li l-arrestat jithalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod car fis-sentenza fl- ismijiet* ***Brusco v. France*** *deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbazat il-konkluzjoni taghha mhux biss fuq l-fatt illi Brusco ma thalliex ikellem avukat qabel ma gie interrogat izda anke ghaliex ma kellux access ghal avukat waqt l-ewwel interogazzjoni tieghu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jezigi l-Artikolu 6:*

*"L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."*

*Konferma terga aktar cara ta' dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet* ***Navone and others v. Monaco*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il- Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-*

*interrogatorju, u ma kienitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni*[12], ***kienet leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq****:*

*"Or, en l'espèce, nul ne conteste qu'à l'époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d'une assistance d'un avocat pendant les interrogatoires : une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne prévoyait qu'une consultation avec un avocat au début de la garde à vue ou de la prolongation de celle-ci, pendant une heure maximum, l'avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*

*(...)*

*Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l'assistance d'un conseil au sens de l'article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l'époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories."*

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegh xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis*** *fejn intqal illi:*

***"...jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill- arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel***

[12] Bhas-sistema Maltija f'dak iz-zmien. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza fl-ismijiet **'Christopher Bartolo (KI 390981M) VS Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG))

***l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju.*** *F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit- traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."*

*Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il- garanzija u protezzjoni ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l- interogazzjoni.*

*M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni* ***kien hemm restrizzjoni sistematika*** *li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.*

*Il-Qorti pero ma tistghax ma tirrilevax illi dan huwa kaz gravi u partikolari, fejn ir- rikorrent huwa afflitt minn marda serja u terminali, tant li fi zmien tal- interogazzjoni kien ikollu jaghmel sitt sieghat dialysis, fi granet alternattivi u filfatt kien gie arrestat hekk kif kien ghadu hareg minn sitt sieghat dialysis. Il-Qorti tinsab mhassba mmens illi l-pulizija ma zammew ebda record tal-kondizzjoni ta' sahha tar-rikorrent, b'mod illi ma jistghux jikkonfermaw jekk kienux taw cans lir- rikorrent jiekol u jixrob bejn sitt sieghat dialysis u l-interogazzjoni tieghu jew le, skont kif qed jallega r-rikorrent. Il-Qorti tfakkar illi sakemm ir-rikorrent kien fil- kustodja tal-pulizija, il-pulizija kienet responsabbli ghal sahhtu u ghalhekk kellha tara li jkollha informazzjoni sufficjenti dwar il-kondizzjoni medika tar-rikorrent sabiex tigi salvagwardjata sahhtu u li r-rikorrent ma jithalliex bil-guh u bil-ghatx wara sitt sieghat*

*dialysis.*

*Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti rrizulta l-kondizzjoni medika tar- rikorrent, li kienet tikkawzalu ugiegh kbir, ansjeta u depressjoni, dana kollu jirrendi r-rikorrent persuna vulnerabbli, specjalment ikkonsidrat illi l-ewwel interogazzjoni segwit sitt sieghat dialysis. Barra minn hekk, skont it-testimonjanza mhux kontradetta tal-psikologu Nicholas Briffa, a fol 128 – 129, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli, u reza vulnerabbli minhabba l-kondizzjoni medika u d- depressjoni li minnha kien jbaghti. Di piu' l-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogatorju, tirrendih aktar vulnerabbli.*

*Il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm xi ragunijiet impellanti - "compelling reasons" - sabiex ir-rikorrent ma jithalliex ikollu avukat prezenti waqt l-interogazzjonijiet tieghu. Ghalhekk, ikkonsidrat li dak iz-zmien kien hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, l-effetti ta' liema kienu aggravati f'dan il-kaz minhabba l-vulnerabbilita tar- rikorrent, u galadarba l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm ragunijet serji u mpellenti li jistghu jiggustifikaw ir-restrizzjoni tad-dritt ta' assistenza legali sofferta mir-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent illi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie lez, huwa fondat.*

*Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba restrizzjoni mhux gustifikata ghad-dritt tieghu ta' access ghal avukat.*'

L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw din is-sentenza, fejn il-Qorti fid-decizjoni taghha[13], fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

'*35. Fil-kaz odjern jirrizulta car li fl-istqarrijiet tieghu r-rikorrent, minkejja li qabel ma irrilaxxja l-ewwel stqarrija, l-avukat tieghu kien tah il-parir li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda iddecieda li jirrispondi ghad-domandi waqt l-interrogazzjoni, bir-rizutlat li stqarr certu fatti inkriminanti ghalih in kwantu ammetta li kien jixtri l-blokkok tal-cannabis, kemm ghall-konsum personali tieghu kif ukoll sabiex ibiegh lil terzi. Fil-fatt*

[13] Sentenza fl-ismijiet 'Christopher Bartolo v. (1) Avukat Generali; u (2) Kummissarju tal-Pulizija' deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 (Rikors numru 92/16 JPG)

*stqarr li kien ibiegh minnha lill-barranin li kienu Ghawdex. B'dan il-mod huwa kien ammetta li kien jittraffika dik id-droga. L-istess ammissjoni kienet giet ripetuta fit-tieni stqarrija fejn ir-rikorrent amplifika wkoll dwar minn ghand min kien jixtri d-droga.*

*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil- proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l- kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir- rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal- proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill- Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil- kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad- dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id- dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali*'

Il-Qorti Kostituzzjonali kienet laqghet l-appell tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, irrevokat is-sentenza appellata u minflok, laqghet l-eccezzjoni tal-intimati in kwantu l-proceduri odjerni huma intempestivi, u ordnat, minflok, li biex ma jsehhx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu miz-zewg stqarrijiet rilaxxati mir-rikorrent fil-proceduri kriminali.

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello'</u>**[14] fejn gie kkunsidrat li:

*'Ghandu jinghad li t-trattazzjoni tal-partijiet marret oltre l- meritu tas-sentenzi hawn fuq imsemmija li jirrigwardaw li fis-sistema taghna qabel l-ghaxra ta' Frar, 2010 il-persuna ndagata jew akkuzata ma kellha ebda dritt li tkellem lill-avukat ta' l- ghazla taghha. Dan ghaliex l-istqarrija li giet rilaxxata minn Martino Aiello ggib id-data tad- 19 ta' Ottubru, 2014 u dak in-nhar Martino Aiello rrifjuta li jkellem avukat ta' fiducja tieghu.*

*Illi l-avukati tar-rikorrenti qajmu l-punt li Martino Aiello ma kellhux avukat prezenti mieghu meta hu rrilaxxa l-istqarrija tieghu fid-19 ta' Ottubru, 2014. It-tratazzjoni tal-partijiet kien dwar dan il-punt.*

*Illi dan il-punt gie finalment deciz mill-legislatur bil-promulgazzjoni ta' l-Att numru LI ta' l- 2016. Dan l-att gie operattiv fit-28 ta' Novembru, 2016 permezz ta' l-A.L. 401 ta' l-2016.*

*Illi l-artikolu li hu rilevanti ghall-ezercizzju in ezami hu l-artikolu 355AUA li jaghti id-dritt ta' access ghal avukat fi proceduri kriminali.*

*Illi t-tezi tar-rikorrenti hi semplici u lineari. Meta giet rilaxxata l-istqarrija dik il-persuna ma kellhiex id-dritt tal-prezenza ta' l-avukat. Il-konkluzjoni allura hi li tali stqarrija ghandha tkun inammissibli.*

*Illi t-tezi tal-Avukat Generali hi daqstant lineari. Ir-rikorrenti gie moghti d-dritt li jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu. Hu rrifjuta tali dritt, ma kkonsulta lil hadd u liberament u volontarjament irrilaxxa l-istqarrija hawn fuq imsemmija.*

*Illi din il-Qorti josserva li s-sentenza Borg v. Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss jitkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma avukat qabel tigi rilaxxat stqarrija. Dik is-sdentenza tghid illi f kull stadju ta' l-investigazzjoni l-persuna susspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta' l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016.*

[14] Sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Mejju, 2017 (Att ta' Akkuza numru 13/2015)

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentnezi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f'dan il-kaz ukoll. Dan ifisser li anki jekk r-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat fl- istess kamra ta' l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tipenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-eccezzjoni tar-rikorrenti. Tiddikjara l-istqarrija tad-19 ta' Ottubru, 2014 rilaxxat mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati.'*

Dik is-sentenza kienet giet appellata u l-Qorti tal-Appell Kriminali[15] ma kienitx ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali izda kienet ikkunsidrat:

*'19. Illi gjaldarba l-kwistjoni imqanqla la hija wahda frivola u lanqas vessatorja, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal- Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tibghat lil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l- kwistjoni dwar* ***jekk bl-uzu fil-guri kontra l-akkuzat appellat Martino Aiello tal- istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fid-19 ta' Ottubru 2014 jigix lez id-dritt tal-istess Martino Aiello ghal smigh xieraq sancit bl-artikolu 39(1)(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1)(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.***

*20. Tiddiferixxi dan l-appell sine die sakemm tigi deciza definittivament il- kwistjoni fuq riferita.'*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)[16] iddeciediet ir-referenza

[15] Deciza fit-9 ta' April, 2018 (Att ta' Akkuza Numru 13/2015)

[16] Fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello' fis-17 ta' Ottubru, 2019 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 38/2018 AF)

Kostituzzjonali billi iddikjarat li fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) wara li fost kunsiderazzjonijiet ohra, kkunsidrat li:

*'Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex muri li bl-użu tal- istqarrija tiegħu fil-ġuri kontra l-akkużat ser jiġi mittiefes id- dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

*Qabel xejn, din il-Qorti tgħid illi ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet tajbin li jżommu lill-akkużat milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jagħti l-istqarrija. L-uniku raġuni li Martino Aiello ma setax ikun mgħejjun minn avukat kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kienitx tippermetti li l-akkużat ikun hekk mgħejjun f'dak l-istadju imma seta' jikkonsulta ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni, xi ħaġa li mhux kontestat li Martino Aiello rrifjuta li jagħmel.*

*Madanakollu, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kienitx tippermetti l- assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad- dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konklużjoni tagħha.*

*Kif diġà ntqal, dan il-każ huwa kemmxejn differenti mill-każ ta' Aldo Pistella in kwantu li Martino Aiello kien fil-fatt irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija u assolutament ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni jew waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija.*

*Proprju dwar ir-rinunzja, fil-każ ta' Paskal vs Ukraine, tal-15 ta' Settembru 2011, il-Qorti Ewropea qalet hekk:*

*"neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance."*

*L-akkużat naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Fil-fatt, meta xehed quddiem din il-Qorti, tista' tgħid li ma semma xejn dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest tiegħu flimkien ma' martu mal wasla tagħhom hawn Malta. Martino Aiello la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l- istqarrija kienu għalih intimidanti. L-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Lanqas ma ġie muri li l-akkużat ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ- ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Il-Qorti tinnota wkoll illi Martino Aiello ma qajjem l-ebda lment dwar l-istqarrija li kien irrilaxxja qabel ma ġie deċiż il-każ ta' Borg vs Malta imma huwa talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fl-imsemmija każ. Imma kif rajna, din il-ġurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l- istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità tal- prova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għall-preżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*

*Finalment, il-Qorti tqis illi huwa indubbjament fl-interess pubbliku li jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill- Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali l-akkużat li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ssib li l-akkużat Martino Aiello ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bl-użu fil-ġuri kontra tiegħu tal-istqarrija li rrilaxxja fid-19 ta' Ottubru 2014.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella</u>'**[17] gie kkunsidrat li:

*'Riferibbilment ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi Aldo Pistella nghata dritt li jkellem lill-avukat ta` ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur koncernat ikkonferma li hekk kien il-kaz, kemm meta xehed fil-kors ta` dan il-procediment, kif ukoll meta xehed fil-kawza kriminali. In partikolari, fis-seduta tal-kawza kriminali tal-20 ta` Ottubru 2014 stqarr illi :-*

*"Minn hemm hekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tieghu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem ma` l-avukat tieghu Dr Sarah Sultana personalment, kien tkellem l-ghada filghodu fejn kienet giet tkellmu gewwa l-kwartieri tal-Pulizija. Wara li ha l- parir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet mieghu...." (ara fol 19 u 20 tal-process kriminali).*

*Mill-istqarrija rrizulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija moghtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tieghu qabel ma rrilaxxja l- istqarrija. Insibu a fol 29 :*

*"M: Fhimtha t-twissija li ghadni kif tajtek?*

*T: Iva.*

*M: Tikkonferma li kellimt lil avukat tieghek Dr Sara Sultana u gejt moghti dokument bid-drittijiet kollha tieghek bil-lingwa taljana?*

*T: Iva."*

---

[17] Deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju, 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 104/16 JZM).

*Madanakollu rrizulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija. Gara hekk ghaliex fiz-zmien meta Pistella kien qed jigi nvestigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jigi nvestigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali waqt it-tehid ta` l- istqarrija.*

*Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-kaz ta` persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun giet arrestata u interrogata jikkostitwix ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti hadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta` avukat izda dak l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju.*

*Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proceduri kriminali illi waqt li kien qed jaghti l-istqarrija, Pistella kkopera izda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx ; ghalhekk kien rega` nsista li jkellem lill-konsulent legali izda din it-talba kienet michuda.*

*L-ispettur xehed hekk a fol 25 :-*

*"Is-sinjur ikkopera maghna bis-shih. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jghid verament min huma nvoluti n-nies u minn ghand min kien qed jixtri u jassistina f`dawk l- affarijiet u bejn qed jibza` minn dawn l-affarijiet. Ghax f`hin minnhom xtaq li jghinna u f`hin minnhom rega` talab biex jitkellem fil-fatt ma` l-avukat, ghidtlu li ma jistax."*

*Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l- interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-**uzu ta` l-istqarrija** mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

***Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l- gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*** '

L-istess Qorti[18] kkunsidrat li:

'*Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id- dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti.*

***Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal- konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal- istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.***

***Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat izda fuq provi ohra wkoll.***

***Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal- jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet****.*'

[18] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella' deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-27 ta' Gunju 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru. 104/16 JZM)

Il-Qorti Kostituzzjonali[19] ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra dwar l-appell prezentat mill-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ikkunsidrat li:

*'Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l- istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said[20], il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil- proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*

*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*

*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*

*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti ligħandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.*'

Filwaqt li l-artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;*

*(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(ċ) **il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (d):***

*Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l- interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*

*(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-interrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-recording mhuwiex ir-recording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali;*

*(e) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:*

*(i) ringiela ta' persuni suspettati għal finijiet ta'identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Stante li jirrizulta li Josephine Wadi kienet irrifjutat li tikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrijiet skont dak iddikjarat fid-dikjarazzjoni a fol 50 u mmarkata bhala Dok JG2 li ssemmi d-data tal-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), din il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza li ghall-artikolu 355AUG tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti r-rinunzja li llum jaqra:

'*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.*

*(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din il-possibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.*'

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **<u>'Il-</u>**

**Pulizija Spettur Dennis Theuma Spettur Spiridione Zammit Vs Claire Farrugia'**[34] fejn gie kkunsidrat li:

*'Il-kliem uzati f'dik it-twissija hija 'int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit', ma jirrizultax jekk il-kliem 'tigi assistit' jirreferix ghal qabel l-istqarrija jew matul. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-ligi fiz-zmien li l-appellanta ghamlet iz-zewg stqarrijiet ma kinitx tiprovdi d-dritt li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija jikkonferma li l-kliem 'tigi assistit' f'dik it-twissija qieghed jirreferi ghal qabel l-ghoti tal-istqarrija. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-istqarrija kif kellha kull dritt li taghmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha d- dritt. Ghalhekk din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li stqar l-Avukat Generali fin- nota tieghu ma tistax tintepreta' r-rinunzja tal-appellanta milli tikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija bhala rinunzja tacita ghad-dritt li jkun hemm prezenza ta' Avukat waqt it-tehid tal-istqarrijiet u dan stante li fiz-zmien tat-tehid tal-istqarrijiet, il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghalhekk l-appellanta ma kellha l-ebda ghazla x'taghmel rigwardanti l-prezenza o meno ta' Avukat waqt l- interrogatorju.*

*Tenut kont ta' dan, din il-Qorti sabiex ma jigux lezi d-drittijiet tal-appellanta sejra tiskarta iz-zewg stqarrijiet maghmulha mill-appellanta u tiddikjarahom inammissibli.'*

Ghalhekk din il-Qorti tishaq li l-fatt li l-akkuzata Josephine Wadi irrinunzjat ghad-dritt ta' parir legali ma jfissirx tassattivament li hija kienet sejra tirrinunzja ghad-dritt li jkollha Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Gialadarba hi ma kelliex dak il-jedd, din il-Qorti ma tistax tippresumi li l-akkuzata kienet ser tirrinunzja dak id-dritt.

Din il-Qorti tenut kont ta' dak kollu kkunsidrat, tqis li filwaqt li ma hija bl-ebda mod tikkunsidra t-tehid tal-istqarrijiet minghajr prezenza tal-Avukat bhala lezivi tad-dritt ta' smiegh xieraq, tikkunsidra izda illi gialadarba l-proceduri ghadhom ma ntemmux anzi ghadu ser jinstema' l-guri, ma jkunx ghaqli jekk l-istqarrijiet rilaxxati mill-

[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 259/2018)

akkuzati li ttiehdu minghajr il-prezenza ta' Avukat jinzammu fil-process u cioe' li jkollhom valur probatorju b'riskju li l-process ikollu jithassar wara li jintemm jew li aktar il-quddiem l-istqarrijiet jigu sfilzati wara li l-provi jkunu maghluqa bi pregudizzju ghal partijiet kollha. Dan qieghed jinghad ukoll in vista ta' *dissenting opinions* ta' Imhallfin li ma qablux ma dak deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew mal-Grand Chamber. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-interpretazzjoni dwar jekk stqarrijiet mehuda minghajr il-prezenza ta' Avukat jilledux jew le id-dritt ghal smiegh xieraq hija kristalizzata.

Din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li l-izvillup gurisprudenzjali jaghti x'jifhem li sabiex jigi deciz jekk kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq irid jittiehed kont tal-process kollu u ghalhekk il-fatt wahdu li stqarrijiet ikunu ttiehdu minghajr il-prezenza tal-Avukat illum il-gurnata qieghed jigi interpretat bhala li ma jfissirx awtomatikament li jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, tenut kont tal-fatt li dan il-guri ghadu ser jibda jinstema', din il-Qorti hija tal-fehma li fl-interess tal-gustizzja u l-integrita tal-process, ghandha tordna l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni ta' Josephine Wadi u cioe' dawk bl-ittri 'b' u 'c' u qieghda tiddikjara l-istqarrijiet rilaxxati fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) immarkata bhala Dok JG3 a fol 51 sa 54 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u l-istqarrija datata s-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) bhala Dok JG4 a fol 55 sa 58 tal-atti tal-Kumpilazzjoni bhala inammissibli u qieghda ghalhekk tordna l-isfilz taghhom.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni bl-ittra 'a' ta' Josephine Wadi eccepiet li d-dokument Dok. JG2 a fol 50 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u cioe' d-dikjarazzjoni ta' rifjut ghad-dritt tal-parir legali mal-Avukat bhala prova mhijiex ammissibli u dan abbazi li meta ttiehdet l-istqarrija ma kellhiex jedd li taghzel ikolliex Avukat prezenti waqt it-tehid tal-isrqarrija. Din il-Qorti hija tal-fehma li gialadarba l-akkuzata ma kelliex il-jedd fiz-zmien tat-tehid tal-istqarrija li jkollha prezenti Avukat minn stadju bikri tal-

investigazzjoni, u ghalhekk anke waqt l-iffirmar ta' din id-dikjarazzjoni, qieghda tqis din id-dikjarazzjoni ukoll bhala inammissibli.

Illi din il-Qorti mhijiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf u dan stante li li ghalkemm l-Ispettur Joseph Busuttil ma iddikjarax min kien l-Avukat li l-akkuzat ikkonsulta mieghu qabel l-ewwel u l-istqarrijiiet li ttiehdu wara, l-akkuzat ma eccepiex l-inammissiblita ta' xi prova f'din l-eccezzjoni. In oltre' ma kien hemm xejn xi jzomm lid-difiza milli tistaqsi lill-Ispettur Busuttil in kontro-ezami min kien l-Avukat li l-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf ikkonsulta mieghu. In oltre' l-Ispettur Joseph Busuttil huwa indikat bhala wiehed mix-xhieda tar-Repubblika ta' Malta u ghalhekk dan jista' facilment jigi stabbilit.

Din il-Qorti izda tilqa' t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) eccezzjonijiet u tiddikjara l-istqarrijiet rilaxxati min Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) u mmarkata bhala Dok JG5 a fol 59 sa 62 tal-atti tal-Kumpilazzjoni, dik rilaxxata fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) immarkata bhala Dok JG6 a fol 63 sa 64 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u l-istqarrija rilaxxata fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) ukoll immarkata bhala Dok JG6 a fol 65 sa 69 tal-atti tal-Kumpilazzjoni bhala inammissibli u tordna l-isfilz taghhom.

**Dwar l-eccezzjonijiet bl-ittri 'd', 'e' u 'f' ta' Josephine Wadi u l-eccezzjonijiet '5', '6' u '7' ta' Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**

Permezz tar-raba' eccezzjoni u cioe' dik bl-ittra 'd' l-akkuzata Josephine Wadi eccepiet li partijiet mix-xhieda tal-Ispettur Jessica Grima a fol 46 et sequitur mhumiex provi ammissibli stante li jirrigwardjaw l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzata. L-eccezzjoni bl-ittra 'e' tirrigwarda x-xhieda tas-Supretenndent Martin Sammut li tirrigwarda esklussivament l-istqarrija tal-akkuzata li ukoll skont l-akkuzata mhijiex prova ammissibbli. L-eccezzjoni bl-ittra 'f' tirrigwarda x-xhieda ta' WPC276 Mary Grace Farrugia bhala xhieda li tirrigwarda esklussivament l-istqarrija tal-akkuzata.

L-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf permezz tal-hames (5) eccezzjoni eccepixxa ukoll li partijiet mix-xhieda tal-Ispettur Jessica Grima senjatament a fol 47 u 48 ma jikkostitwixxux prova ammissibli gialadarba taghmel referenza ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat. Permezz tas-sitt (6) eccezzjoni jecepixxi li x-xhieda tal-Ispettur Joseph Busuttil a fol 107 et seq ma jikkostitwixxux prova ammissibli stante li jaghmel referenza ghal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat kif ukoll dak li jinsab a fol 236 fejn si tratta l-istqarrija. Permezz tas-seba' (7) eccezzjoni jecepixxi li gialadarba l-istqarrijiet mehudha jigu dikjarati mhux ammissibli, ix-xhieda ta' PC 86, PS 419, rinviji li jitolbu tali xhieda u verbali fejn jissemmew tali xhieda jew ezenzjoni ta' tali xhieda ghandha titnehha.

Din il-Qorti tikkunsidra li gialadarba l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati gew dikjarati bhala inammissibli u din il-Qorti permezz ta' din id-decizjoni ordnat l-isfilz taghhom, kwalunkwe referenza ghal dawn l-istqarrijiet jew il-kontenut ta' dawn l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati minghajr il-prezenza tal-Avukat hija wkoll inammissibli.

Dan ma jfissirx li x-xhieda li f'xi parti taghmel referenza ghal kontenut tal-istqarrija hija inammissibli fit-totalita' taghha izda huma l-partijiet tax-xhieda biss li jaghmlu referenza ghal istqarrijiet jew kontenut taghhom li mhumiex ammissibli. Din il-Qorti tissottolinea li ma jfissirx li x-xhieda li taghmel referenza ghal kontenut tal-istqarrijiet tal-akkuzati jew xhieda li kienu xhieda ta' stqarrijiet rilaxxati u li ghalhekk ikkonfermaw ir-rilaxx tal-istqarrijiet u f'xi kazi firem ghandhom jitnehhew mill-atti, izda kull referenza ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati jew il-kontenut taghhom hija inammissibli. Ix-xhieda li xehdu quddiem fil-Kumpilazzjoni jistghu jixhdu fil-guri izda mhux dwar l-istqarrijiet rilaxxati. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex tordna l-isfilz tax-xhieda imsemmija f'eccezzjonijiet 'd', 'e' u 'f' ta' Josephine Wadi u lanqas l-isfilz tax-xhieda msemmija fl-eccezzjonijiet ta' Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf bin-numri hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) izda tiddikjara kwalunkwe referenza fl-atti inkluz minn dawn ix-xhieda ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati bhala inammissibli.

Fis-sitt (6) eccezzjoni tal-akkuzat Abdel Raouf Hassan Ali Mohamed u cioe' f'dik li tirrigwarda dak li hemm a fol 236 u cioe' din il-Qorti qieghda tifhem li l-akkuzat permezz ta' din il-parti tas-sitt eccezzjoni qieghda tirreferi ghal parti tal-verbal tas-seduta tas-sitta (6) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn id-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni milli ttella lix-xhieda indikati fit-tielet rekwizit tar-rinvjiu tal-Avukat Generali u cioe' lil PC 86 u PS 419 u fejn d-difiza ghalhekk accettat l-istqarrijiet bhala awtenitici. Din il-Qorti ma hijiex sejr takkolja din il-parti tal-eccezzjoni stante li minkejja li stqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati u referenza ghal dawn l-istqarrijiet huma inammissibli, dan ma jfissirx li ghandu jithassar kull verbal li d-difiza ghamlet rigwardanti l-htiega o meno ta' xhieda tal-istqarrijiet u dan stante li dawn l-istqarrijiet qieghdin jigu dikjarati inammissibli abbazi li l-akkuzati ma nghatawx il-jedd li jkollhom Avukat prezenti waqt it-tehid taghhom u mhux abbazi ta' allegazzjoni dwar nuqqas ta' volontarjeta'.

Permezz tas-seba' eccezzjoni, l-akkuzat qieghed jecepixxi l-inammissibilita' tax-xhieda ta' PC 86 u PS 419, rinvijiet li jitolbu tali xhieda u verbali fejn jissemmew tali xheid u ezenzjonijiet ta' tali xhieda li l-akkuzat qieghed jitlob li jitnehhew. Kif gia kkunsidrat filwaqt li partijiet minn xhieda li taghmel referenza ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati fosthom PC 86 u PS 419 li xehdu dwar li kienu xhieda ta' uhud mill-istqarrijiet rilaxxati minn Hasan Ali Mohammed Abdel Raouf tal-istqarrija hija inammissibli, din il-Qorti tichad fejn qieghed jintalab li jigu mhassra rinviji li jitolbu xhieda u verbali fejn jintalbu xhieda u ezenzjonijiet.

**Dwar l-eccezzjoni bl-ittra 'g' ta' Josephine Wadi u l-eccezzjoni bin-numru 8 ta' Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf;**

Illi permezz ta' din l-ecceezzjoni, Josephine Wadi eccepiet li partijiet mir-relazzjoni maghmula mit-tabib Mario Scerri huma provi inammissibbli u dan stante li jinkludu dikjarazzjonijiet maghmulha mill-akkuzata fiz-zmien fejn ma kellhiex il-jedd li taghzel jekk ikollhiex l-Avukat prezent waqt it-tehid ta' tali dikjarazzjonijiet.

L-akkuzat Hasan Ali Mohamed Abdel Raouf minn naha l-ohra jecepixxi li partijiet mir-reazzjoni tal-espert tabib Mario Scerri, senjatament a fol 133 huma inammissibli stante li saret allegazzjoni mill-akkuzata Josephine Wadi li tista' tkun ta' pregudizzju u leziva tad-dritt tal-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf. Din il-Qorti qieghda tifhem li fejn fir-rapport ta' Dr Mario Sceri hemm l-isem 'Nadi' dan kellu jaqra l-kunjom 'Wadi'

Din il-Qorti tqis illi stante li ma jirrizultax li Josephine Wadi kellha Avukat prezenti waqt li giet mitkellma mit-tabib espert Dr Mario Scerri, kwalunke dikjarazzjoni u dak li ntqal minn Josephine Wadi lil Dr Mario Scerri huwa inammissibli. B'zieda ma dan, kwalunkwe haga mistqarra minn Josephine Wadi xorta wahda mhijiex ammissibli fil-konfront tal-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf. Ghalhekk dawn iz-zewg eccezzjonijiet u cioe' dik bl-ittra 'g' u dik bin-numru '8' qeghdin jigu milquha.

**Illi dwar l-eccezzjonijiet 'h' u 'i' ta' Josephine Wadi u l-eccezzjoni '9' ta' Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**

Dawn l-eccezzjonijiet jaqraw:

'*h. Id-Dokument KA16/13 jinkludi diversi hwejjeg allegatament ta' Crystle Gaffarena. Dan id-dokument gie esebit il-Qorti minn Dr. Marisa Cassar nhar it-28 ta' Jannar, 2013. Minkejja li Dr. Marisa Cassar fir-relazzjoni taghha tghid illi hija gabret dan id-dokument minghand l-Ispettur Joseph Busuttil, madanakollu minn imkien ma jirrizulta dan. Lanqas jirrizulta min effettivament ghadda dawn il-hwejjeg lil Dr. Marisa Cassar u ta' min huma l-imsemmija hwejjeg. Minn ezami akkurat tal-atti provesswali minn imkien ma jrrizulta illi xi xhud ikkonferma bil-gurament illi ghadda dan id-dokument lill-Ispettur Busuttil, wisq anqas l-istess Spettur ma kkonferma bil-gurament illi huwa ghadda xi hwejjeg lil Dr. Marisa Cassar. Dan id-dokument ghaldaqstant huwa inammissibbli stante li r-regola fundamentali fil-process penali, ossia dik tac-chain of evidence giet miksura. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inamissibilita' tal-provi.*

*i. Ix-xoghol kollu mahgmul u r-relazzjonijiet relevanti maghmula minn Dr. Marisa Cassar huma provi inammissibbli u dana stante li r-regola fundamentali tal-process penali ossia dik tac-chain of evidence giet miksura. Konsegwentement sia r-relazzjonijiet kif ukoll kull deposizzjoni li tat u li gew moghtija mix-xhud indikat huma inammissibbli u ghaldaqstant lanqas ix-xhud ma huwa xhud ammissibli. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inamissibilita' tal-provi.*

L-eccezzjoni bin-numru '9' imressqa mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf taqra':

> '*9. Illi fix-xħieda tagħha l-espert Dr. Marisa Cassar tgħid li d-dokument KA 16/13, u ċioe il-ħwejjeġ allegatament tal-vittma, u li tali kienu parti mill-allegat reat, ingħataw lilha mill-ispettur Joseph Busuttil. Pero' fid-diversi okkazjonijiet li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, l-iSpettur Busuttil qatt ma semma dan il-fatt, b'dana li hemm dubju serju dwar il-provenjenza ta' tali ħwejjeġ, inoltre l-fatt li ma jistax jiġi kkontestat iċ-'Chain of evidence' ta' tali hwejjeg, u konsegwentement kull xogħol/inkarigu u xhieda li ngħatat mill-espert hija inammissibli. Din l-eċċezzjoni qegħda ssir ai termini tal-artikolu 438(2)(i) u ċioe dwar l-inammissibilita' tal-provi.*'

Illi ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet jirrigwardaw id-dokument KA 16/13 u cioe' l-hwejjeg tal-allegata vittma kif ukoll ix-xhieda u r-relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar. L-akkuzati jecepixxu li kull xoghol u inkarigu u xhieda li nghatat mill-espert Dr Marisa Cassar hija inammissibli minhabba li skont l-akkuzati r-regola tac-*chain of evidence* giet miksura meta ghalkemm Dr Marisa Cassar qalet li l-hwejjeg kienu mghhoddija lilha minghand l-Ispettur Joseph Busuttil, dan ma giex ikkonfermat mill-Ispettur Joseph Busuttil u minn imkien ma jirrizulta dan. L-akkuzata Josephine Wadi tmur pass oltre u tecepixxi ukoll li d-dokument huwa inammissibbli u anke li x-xhud ma hijiex xhud ammissibbli.

Skont l-akkuzati, dawn l-eccezzjonijiet qeghdin jitressqu a tenur tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kapitolu 9. Din il-Qorti sejra tqis dawn l-eccezzjonijiet flimkien u sejra tibda billi l-ewwel taghmel referenza ghall-atti processwali u sussegwentement tikkunsidra

jekk dawn l-eccezzjonijiet jistghux jitressqu f'dan l-istadju u cioe' ghandhomx jigu decizi f'dan l-istadju.

Ikkunsidrat;

Illi skont ma jirrizulta a fol 100, senjatament fil-process verbal, il-Magistrat Inkwierenti Dr. Doreen Clarke kienet fl-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) innominat lil Dr Mario Scerri u Dr Marisa Cassar sabiex jassistu lis-Spettur Jessica Grima waqt access. Kienet ukoll iddikjarat li l-esperti kollha ghandhom il-fakolta' li jisimghu bil-gurament ix-xhieda kollha rilevanti u opportuni ghall-esekuzzjoni tal-inkarigu taghhom. Illi l-persuni kollha nominati kienu awtorizzati ukoll sabiex jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha rilevanti u opportuni ghall-fini tal-inkarigu taghhom u kellhom jirrelataw minghajr dewmien.

A fol 103, jirrizulta li f'seduta mizmuma fl-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-Ghassa tal-Mosta mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke, il-parti leza Krystle Gaffarena kienet anke ddikjarat li '*l-hwejjeg li jiena kont liebsa dakinhar zammejthom u nista' ntiehom biex jigu ezaminati. Nixtieq inzied wkoll illi jiena dakinhar kont bil-period u allura fil-qalziet ta' taht kelli pad. Dik jiena armejtha.*'

Fir-rapport tal-Pulizija a fol 151 immarkat bhala Dok RC, senjatament a fol 153 gie mnizzel li '*Rigward l-hwejjeg li kienet bihom, il-vittma stqarret li dawn qedin l-Hamrun, ghand il-habib taghha, certu Alan, li joqghod fond nru. 53, Triq Eldorado, Hamrun, li bhal issa hija qeghda tghix mieghu...*'

Fil-verbal tas-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) li jinsab a fol 111 tnizzel li xehdet bil-gurament Dr Marisa Cassar li esebiet Dok MC u KA16/13. Fix-xhieda taghha tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013), hija sjegat li '*Kont nominata waqt l-inkjesta u llum qed nipprezenta r-relazzjoni tieghi. Jiena kont mghoddija diversi hwejjeg ta' Crystle Gaffarena. Ghamilt l-ezami ghall-presenza ta' acid phosphates li hija sustanza li tinstab f'koncentrazzjoni qawwija f'likwidu seminali. Kien hemm xi postijiet fil-hwejjeg fejn ta rizultat positttiv. Hrigt DNA*

*profile minn dawn il-hwejjeg fejn kien hemm dawn it-tbajja u xi tbajja minnhom tawni profil genetiku ta' ragel. Qeghda nirritorna l-esebiti li kont awtorizzata li nirtira mill-atti.'*

Ghalhekk minn din ix-xhieda ta' Dr Marisa Cassar jirrizulta li hija giet mghoddija l-hwejjeg izda fl-istess xhieda tiddikjara li qed tirritorna l-esebiti li kienet awtorizzata li tirtira mill-atti. Madankollu, ma jirrizultax minn fejn kienet awtorizzata tirtira dawn u jekk kienux prezentati fl-atti precedentement.

A fol 143 et sequitur giet ipprezentata r-relazzjoni tal-espert forensiku Dr Marisa Cassar immarkata bhala Dok. MC fejn iddikjarat ukoll:

'***1. Nomina***

*Illi bl-inkarigu tal-Qorti, l-esponenti giet maħtura mill-Qorti sabiex tagħmel l-analiżi għall-preżenza ta' 'acid phosphatase' u tad-DNA fuq il-kampjun mgħoddi lilha.*

***2. Stħarrig***

*L-esponenti ġabret dawn is-segwenti kampjuni nhar it-8 ta' Ġunju 2012, mingħand l-Ispettur Busuttil:*

*Ħwejjeġ ta' Krystal Gaffarena:*
*Jeans iswed*
*Flok ta-sufgriż*
*Flokk ta' taħt biċ-ċingi griż ċar bil-ċlub u stampa ta' Snoopy*
*Qalziet ta' taħt iswed ittikkjat.*
*Bra abjad'*

L-Avukat Generali permezz ta' numru ta' noti talab lil Qorti sabiex '*Testendi l-inkarigu ta' l-espert Dr Marisa Cassar sabiex tiġi awtorizzata tieħu kampjuni mingħand il-vittma Krystle Gaffarena kif ukoll minghand Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf u Josephine Wadi u sabiex tikkomparahom mal-konkluzjonijiet fir-rapport tagħha, a fol 143-149 ta' l-Atti Proċesswali;*'

Fis-seduta tas-sitta (6) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) skont il-verbal li jinsab a fol 236 gie vverbalizzat li '*Rigward it-tieni rekwizit tar-rinviju tal-Avukat*

*Generali il-Qorti tinnomina lil Dr Marisa Cassar sabiex tiehu kampjuni tad-DNA fil-konfront tal-vittma Krystle Gaffarena u tal-imputati Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf u Josephine Wadi u dan ghall-iskop ta' komparazzjoni mal-konkluzjonijiet kontenuti fir-rapport tal-istess Dr Marisa Cassar a fol 143 sa 149. Il-Qorti tawtorizza lill-istess espert nominata sabiex tirtira dawn id-dokumenti mill-process ghall-fini tal-komparazzjoni.*'

Fin-nota tal-Avukat Generali ta' nhar id-disgha (9) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) li tinsab a fol 254 il-Qorti intalbet ukoll '*1. Tisma' lil Dr Marisa Cassar sabiex tespleta l-inkarigu mogħti lilha nhar is-6 ta' Awwissu 2015 (a fol. 237 tal-Atti Proċesswali)*';

Fil-verbal tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) li jinsab a fol 255 tnizzel li '*Il-Qorti qeghda, in sostenn ta-rrekwizit a tan-nota tar-rinviju, titlob lil Dr. Marisa Cassar biex tiehu swabs konsistenti f'kampjun tal-bzieq mill-halq tal-imputati. L-iswabs ittiehdu seduta stante.*

*Il-Qorti tawtorizza lil Dr. Marisa Cassar sabiex tirtira l-iswabs mehuda minnha stess u tanalizzahom mal-kampjuni li gew irtirati mill-process.*'

Id-Dottoressa Marisa Cassar regghet xehdet fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016), liema xhieda tinsab a fol 271 et sequitur. Hija xehdet li '*Jiena kont gbart kampjun orali ta' Abdel Raouf u Josephine Wadi, nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Frar tat-two thousand and sixteen (24/02/2016). Id-DNA profiles li hargu minnu gew imqabblin ma' xi kampjuni li kont analizzajt qabel, u minn din l-analizi, kien hemm xi kampjuni li qablu mal-profil genetiku ta' Abdel Raouf.*' Meta mistoqsija '*Il-kampjuni li inti kellek, li analizzajt ma' dawk li gbart minn fuq Abdel Raouf, taf tghidilna minn fejn kont gbarthom qabel?*' wiegbet '*Kien hemm tebgha minn qalziet ta' taht, tebgha minn fuq jeans griz, tebgha minn fuq flokk griz, u zewg tbajja minn flokk ta' taht.*' Mistoqsija mill-Qorti '*U dawn l-indumenti min tahomlok?*' wiegbet '*Dawn kien tahomli l-Ispettur Busuttil u dawn il-hwejjeg ta' Krystel Gaffarena.*'

Fl-istess seduta Dr Marisa Cassar prezentat relazzjoni ohra[35] dwar analizi ta' komparazzjoni, fejn f'din ir-relazzjoni indikat ukoll li l-hwejjeg ta' Krystal Gaffarena ingabru minghand l-Ispettur Busuttil fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012).

Ghalhekk minn dak li jirrizulta mill-atti u senjatament minn dak li xehdet u ddikjarat fir-relazzjoni taghha Dr Marisa Cassar, il-hwejjeg tal-allegata vittma gew mghoddija lilha mill-Ispettur Joseph Busuttil. Dan il-fatt ma jirrizultax li gie kkonfermat mill-Ispettur Joseph Busuttil minkejja li kien ta' x-xhieda tieghu u ghalhekk l-akkuzata Josephine Wadi qieghda tecepixxi li dan id-dokument huwa inammissibbli peress li skont l-akkuzata Josephine Wadi ir-regola tac-*chain of evidence* giet miksura. In oltre', konsegwenza ta' hekk iz-zewg akkuzati Josephine Wadi u Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf eccepew li kull deposizzjoni li tat Dr Marisa Cassar u x-xoghol u r-relazzjonijiet maghmula minn Dr Marisa Cassar huma inammissibbli. L-akkuzata Josephine Wadi tecepixxi ukoll li x-xhud Dr Marisa Cassar hija inammissibli.

Skont id-difiza, dawn l-eccezzjonijiet qeghdin *jitressqu ai termini* tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibbilita' tal-provi. Id-difiza it-trattazzjoni ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta Vs. David sive David-Norbert Schembri'**[36] fejn dwar recording gie kkunsidrat:

'*Illi ghalkemm mit-test citat mil-akkuzat mehud mill-ktieb Cross+ Taper On Evidence ma jirrizultax li tali recording hu minnu nnifsu illegali jew inamissibbli, pero' jista' jitqies li jkun inammissibbli fejn ikun gie ottjenut illegalment (**R. v. Senat , R. v. Sin** (1968)52 Cr App Rep 282) jew bi ksur ta' public policy. (**R. v. Migliorini** (1981) 38 ALR 356) ; Dan ma jirrizultax f' dan il-kaz.*

[35] Skont il-verbal tal-21 ta' Gunju, 2016 dan huwa esebiet bhala Dok MC1 izda jirrizulta li dan ir-rapport li jinsab a fol 276 et sequitur gie mmarkat bhala Dok MC.

[36] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 2007 (Att ta' Akkuza numru 1/2006)

*Pero' hemm awtorita' li tghid li f' guri, il-parti li tkun trid tipproduci recording jew film trid tissodisfa lill-Imhallef togat li hemm prima facie case li dak ir-recording ikun awtentiku u li jkun jista' jitfiehem bizzejjed biex jitpogga quddiem il-gurati. Il-provi ikunu jridu juru w jiddeskrivu l- provenjenza w l-istorja tar-recording sal-mument li jkun gie esebit il-Qorti. (**R.v. Robinson and Harris**; [1972]All ER 699, [1972]1 WLR651 u **Butera v DPP** (1987) 164 CLR 180. p.184).*

*Hu proprju hawn li din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni naqset fir-rigward tal-esebizzjoni ta' dan id-dokument. Dak li qal Joseph Scicluna lill-Ispettur Tonna dwar dan ir- recording kif xehdu Tonna huwa hearsay evidence u zgur kien mistenni – kif del resto hass l-Istess Spettur Tonna meta xehed waqt li kien qed jipprezenta d-dokument – li Joseph Scicluna kellu jixhed biex jikkonferma l-awtenticita' tar-recording, u kif u f' liema cirkostanzi hadu u x' mezzi adopera biex irregistra din l-allegata konversazzjoni telefonika. Kien mehtieg ukoll li tigi pruvata l-kontinwita' tal-evidenza mill-hin li sar l-allegat recording sal-mument li gie konsenjat lill-Ispettur Tonna. Dan pero' baqa' ma sarx quddiem il-Qorti Istruttorja, x' aktarx minhabba xi "oversight" tal-istess Spettur u tal-Avukat addett mill-ufficcju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kaz u dan id-dokument gie u baqa' esebit fil-process bla ma qatt gie konfermat bil-gurament minn min kien responsabbli ghall- holqien, l-ezistenza w l-paternita' tieghu w bla ma saret il- prova tal-kontinwita' tal-evidenza.*

*Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' t-tieni eccezzjoni tal- akkuzat u tiddikjara il-cassette tape (Dok. JS) inammissibli bhala prova ghar-raguni fuq indikata.'*

Minn naha l-ohra, l-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu ma qabilx li c-*chain of evidence* gie miksur u in oltre' issottometta li din hija materja li ghanda tigi trattata mill-guri. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza preliminari fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v. Angelo Bilocca Priscilla Cassar**'[37] fejn il-Qorti kkunsidrat:

*'Illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet imqajjma mill-akkuzata hi dwar ic-'chain of evidence' ta' zewg esperti u cioe' dwar Dr. Martin Bajada u l-Ispjizjar Mario Mifsud. Skont l-akkuzat*

[37] Deciza mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Ottubru, 2018 (Att ta' Akkuza numru: 7/2015)

*f'din il- katina ta' evidenza hemm xi holoq li huma nieqsa. Dan il-fatt wahdu jirendi z-zewg xhieda hawn fuq imsemmija bhala xhieda inammissibbli. L-Avukat Generali ghandu fehma kompletament differenti u hu talk-fehma li din mhiex kwistjoni ta' inammissibilita' ta' xhieda. Illi n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet huma riprodooti hawn fuq u ma hemmx il-htiega li jergghu jigu riprodotti hawnhekk. Fil-fehma ta' din il-Qorti hu car li din hi sitwazzjoni li ghandha tigi deciza waqt il-guri. Il-partijiet ser ikollhom l-opportunita' li jivverifikaw din ic- 'chain of evidence' quddiem il-gurija. Il-gurija ser ikollha l-fatti kollha a dispozizzjoni taghha u l-imhallef li ser jippresjedi l-guri ser ikollu l-opportunita' li jindirizza u jidderigi l-gurija fuq dan il-punt. Ghalhekk dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-akkuzat ma jistghux jigu milqughha.'*

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-eccezzjonijiet 'h' u 'i' ta' Josephine Wadi u l-eccezzjoni '9' ta' Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf ma humiex materji li ghandhom jigu decizi f'dan l-istadju, u dan stante li l-partijiet ser ikollhom l-opportunita' fl-istadju tal-guri li jiflu l-provi u jiddeterminaw jekk il-principju tac-*chain of evidence* giex rispettat o meno. In oltre, kemm Dr Marisa Cassar u anke l-Ispettur Joseph Busuttil huma mnizzla bhala xhieda tal-Avukat Generali u li ghalhekk jistghu jiddeponu quddiem il-gurati. Il-Qorti fl-istadju tal-guri tkun f'posizzjoni li tidderigi l-gurati dwar dawn il-punti, li jkollhom il-fatti kollha a disposizzjoni taghhom. Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet mhumiex kwistjoni ta' inammissibilita' ta' provi li ghandhom jigu decizi f'dan l-istadju u din il-Qorti sejra ghalhekk tichad dawn l-eccezzjonijiet.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qieghda fir-rigward tal-eccezzjonijiet mressqa mill-akkuzata Josephine Wadi tichad l-eccezzjonijiet bl-ittri 'h' u 'i' u tilqa' l-eccezzjoni bl-ittra 'a' u tiddikjara d-dikjarazzjoni tar-rinunzja ghad-dritt tal-parir legali a fol 50 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u mmarkata bhala Dok JG2 bhala inammissibli, tilqa' l-eccezzjonijiet bl-ittri 'b' u 'c' u tiddikjara l-istqarrijiet rilaxxati fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) immarkata bhala Dok JG3 a fol 51 sa 54 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u l-istqarrija datata s-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) bhala Dok JG4 a fol 55 sa 58 tal-atti tal-Kumpilazzjoni bhala inammissibli u qieghda ghalhekk tordna l-isfilz taghhom. Fir-rigward tal-

eccezzjonijiet bl-ittri 'd', 'e' u f', qieghda tilqa' dawn l-eccezzjonijiet limitatament fis-sens li kwalunkwe partijiet tax-xhieda li jaghmlu referenza ghall-istqarrijiet jew il-kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati minn Josephine Wadi huma inammissibli b'dan li tissottolinea li l-kumplament tal-kontenut ta' dawn ix-xhieda hija ammissibli bhala prova. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex tordna l-isfilz tal-ebda mix-xhieda. Din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni bl-ittra 'g' u tiddikjara li kwalunkwe dikjarazzjoni maghmulha mill-akkuzata u ghalhekk kontenuta fir-relazzjoni tat-tabib espert Dr Mario Scerri hija inammissibli.

Fir-rigward tal-eccezzjonijiet mressqa mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf u qieghda filwaqt li tichad l-ewwel (1) u d-disa' (9) eccezzjonijiet, tilqa' t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) eccezzjonijiet u tiddikjara l-istqarrijiet rilaxxati min Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) u mmarkata bhala Dokk JG 5 a fol 59 sa 62 tal-atti tal-Kumpilazzjoni, l-istqarrija rilaxxata fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) immarkata bhala Dok JG6 a fol 63 sa 64 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u l-istqarrija rilaxxata fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) bhala Dok JG6 a fol 65 sa 69 tal-atti tal-Kumpilazzjoni bhala inammissibli u tordna l-isfilz taghhom. Din il-Qorti tilqa' limitatament l-eccezzjonijiet bin-numru hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) fis-sens li kwalunkwe referenza li setghet saret minn xhieda ghall-istqarrijiet jew kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf hija wkoll inammissibli izda l-kumplament tal-kontenut ta' dawn ix-xhieda hija ammissibli. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex tordna l-isfilz tal-ebda mix-xhieda. Din il-Qorti tichad il-parti fejn fis-sitt (6) u seba' (7) eccezzjonijiet l-akkuzat ecepixxa li dak li jinsab a fol 236 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u cioe' il-verbal tas-seduta tas-sitta (7) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u cioe' l-ezenzjoni mid-difiza ta' certu xhieda u l-accettazzjoni tal-istqarrijiet bhala awtentici bhala inammissibli u ghalhekk din il-Qorti tiddikjarahom bhala ammissibli u li ghandhom jibqbghu fl-atti kif ukoll tichad fejn intalab li rinviji li jitolbu tali xhieda jew fejn jissemmew tali xhieda jew ezenzjoni ta' tali xhieda ghandha titnehha. Il-Qorti tilqa' l-eccezjzoni bin-numru tmienja (8) u

tiddikjara kwalunkwe dikjarazzjoni maghmulha mill-ko-akkuzata Josephine Wadi dwar l-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf lill-espert Dr Mario Scerri bhala inammissibli.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur